# ABBOZZ

**A.L. ta' l-2012**

**ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL**
**(KAP. 449)**

**Regolamenti ta' l-2012 dwar l-Infurzar ta' Liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea fuq l-Importazzjoni ta' Oġġetti tal-Ikel u Materjali Maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-Ikel minn Pajjiżi li m'humiex Stati Membri tal-UE**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2012 dwar l-Infurzar ta' Liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea fuq l-Importazzjoni ta' Oġġetti tal-Ikel u Materjali Maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-Ikel minn Pajjiżi li m'humiex Stati Membri tal-UE.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta.

**Tifsir.**

**2.** F'dawn ir-regolamenti, "l-Att" tfisser l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel.

**Liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea.**

**3.** Dawn ir-regolamenti japplikaw għal dawn il-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea u amendi sussegwenti:

(a) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ġunju 2010 li tirrevoka d-Deċiżjoni 2006/601/KE dwar il-miżuri ta' emerġenza rigward l-organiżmu ġenetikament modifikat mhux awtorizzat "LL RICE 601" fi prodotti tar-ross, u li tipprovdi għal testijiet każwali għan-nuqqas ta' dak l-organiżmu fi prodotti tar-ross (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/315/EU);

(b) Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-20 ta' Diċembru 2007 li tapprova l-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa mill-Istati Uniti ta' l-Amerika fuq il-karawett u prodotti li ġejjin minnu għal dik li hija preżenza ta' aflatossini (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/47/EC);

(ċ) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Diċembru 2011 dwar il-miżuri ta' emerġenza rigward ross modifikat

ġenetikament mhux awtorizzat fi prodotti tar- ross li joriġinaw miċ-Ċina u li tħassar id-Deċiżjoni 2008/289/KE (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/884/EU);

(d) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 258/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li jimponi kundizzjonijiet speċjali fuq l-importazzjonijiet tal-*guar gum* li joriġina jew li jasal mill-Indja minħabba r-riskji ta' kontaminazzjoni mill-*pentachlorophenol* u mid-dijossini u li jneħħi d-Deċiżjoni 2008/352/KE;

(e) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żjieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali u li jemenda d-Deċiżjoni 2006/504/KE**;** u

(f) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1135/2009 tal-25 ta' Novembru 2009 li jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' ċerti prodotti li joriġinaw jew li jiġu kkunsinnati miċ-Ċina, u li jirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/798/KE;

(g) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1151/2009 tas-27 ta' Novembru 2009 li jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni taż-żejt tal-ġirasol li joriġina jew li jiġi kkunsinjat mill-Ukrajna minħabba riskji ta' kontaminazzjoni miż-żejt minerali u li tħassar id- Deċiżjoni 2008/433/KE; u

(h) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1152/2009 tas-27 ta' Novembru 2009 li jimponi kundizzjonijiet speċjali għar-regolamentazzjoni tal-importazzjoni ta' ċerti oġġetti tal-ikel minn ċerti pajjiżi terzi minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini u li jħassar id-Deċiżjoni 2006/504/KE**.**

(i) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 284/2011 tat-22 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet speċifiċi u proċeduri ddettaljati għall-importazzjoni ta' oġġetti tal- kċina magħmulin mill-plastiċi poliammid u melammina li joriġinaw jew li jintbagħtu mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mir-Reġjun Speċjali Amministrattiv ta' Ħong Kong, iċ-Ċina

(j) Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 961/2011 tas-27 ta' Settembru 2011 li jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta’ għalf u ikel li joriġina jew li ġej mill-Ġappun wara l-aċċident fl-impjant nukleari ta’ Fukushima u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 297/2011

(k) Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta’ Lulju 2011 dwar miżuri ta’ emerġenza applikabbli għaż-żerriegħa tal-fienu u ċertu żerriegħa u fażola impurtata mill-Eġittu (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/402/EU)

(l) Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2011 tat-23 ta’ Awwissu 2011 li japprova l-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa mill-Kanada fuq il-qamħ u d-dqiq tal-qamħ għall-preżenza tal-okratossina A

**Jirrevoka A.L. 475 tal-2010.**

**4.** Ir-Regolamenti tal-2010 dwar l-Infurzar ta’ Liġijiet ta’ l-Unjoni Ewropea fuq l-Importazzjoni ta’ Oġġetti tal-Ikel minn Pajjiżi li m’humiex Stati Membri tal-UE, qegħdin b’dawn ir-regolamenti jiġu revokati.

**Reati u pieni.**

**5.** Kull min jikser il-provvedimenti tad-Deċiżjonijiet u r-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea li dawn ir-regolamenti japplikaw għalihom ikun ħati ta’ reat kontra dawn ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet ta’ l-Att li jirrigwardaw il-ksur ta’ dispożizzjonijiet ta’ regolamenti magħmulin taħt l-Att għandhom ikunu japplikaw għall-ksur tad-Deċiżjonijiet u r-Regolamenti msemmija tal-Unjoni Ewropea.